# Il-Leħen t'Alla Falz

Audrey Friggieri

Smajt leħnek mill-bogħod,
leħnek li darba kien duwa,
għal din qalbi tqila l'int ħallimt bil-ferħ!
Dak leħnek mhux iżjed għalija;
'ma għal dik l-iffortunata,
li magħha tqatta' dik ħajtek sabiħa.
Taf din li int kulma tmiss isir isbaħ,
li kull ħaġa tiegħek hi arti bla prezz?
Leħnek lilha jmelles issa,
għalija biss ħoss li darba xegħelni.

Illum ngħid ma nħoss xejn għalik,
Ngħid l'int komuni, bħal ħafn' oħrajn!

Iżda fommi mhuwiex qalbi.
Jgħid li jfettillu dak il-ħin!
Qalbi taf fis-sigriet tagħha,
fil-ħafna kmamar li mlejtli int:
leħnek għad fih seħer.
Jeħodni miegħu,
hemm, fejn bħal allat gawdejna,

mitlufin f'ġenn li ma jaf ħadd.
Bogħod mill-għajnejn u mill-widnejn,
mill-ħafna ħluq, kollhom tpaċpiċ.

Hemm il-liġijiet tad-dinja għosfru,
saru biss bluha ta' nies dgħajfin.
Mhux bħalna li sfidajna w ħlomna.
Għexna ħajj' oħra,
minsija mill-bnedmin!

Konna msaħħrin,
ġo fosdqa sħuna, maħbubin.
Skantanja b'dak li stajna,
b'dak li għidna lil xulxin.

Dik il-fosdqa tfarrket issa,
saret rmied li tar m'erbat irjieħ!

Iżda min qal li l-imħabba trid fosdqa biex tixgħel?
Jien inħobb,
ank' issa hawn waħdi,
mitlufa fil-mewġ,
mingħajrek,
kuntenta l' hemm int xi mkien.
U kultant dak leħnek jaħsadni,
loqma għaslija li tmissni mill-bogħod.

Illum qalbi, leħnek jistaħba,
iżurni biss fid-dlamijiet,
u miegħek inkun,
hemmhekk, ġo dik il-ġenna li ntilfet,
u ajma jaħasra,
ma nista' nsibha mkien!